# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2170

KAZ 2709/GBC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Falzon

u

Adolf Baldacchino
ezercenti fil-kummerc bl-isem Silver Shadow

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Data : 17 ta' Settembru 2012

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni prezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fis-7 ta' Settembru 2009.

It-Tribunal zamm 10 seduti.

Anthony Falzon, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Mark Vassallo u Adolf Baldacchino (Silver Shadow), aktar il-quddiem jissejjah l-"intimat" kien assistit mill-Avukat David Camilleri.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellant qal li tkecca ngustament ghaliex meta, ghal aktar minn darba ma thallasx il-paga dovuta u pprotesta li ma kienx lest li jahdem jekk ma jinghatax il-paga, rcieva l-formola tat-tmiem ta' l-impieg ta' l-ETC fejn ir-raguni nghatat bhala nuqqas ta' xoghol.

L-intimat sostna li l-impieg ta’ l-appellant ma giex terminat izda dan qabad u telaq minn fuq il-post tax-xoghol u rrifjuta li jerga’ jattendi.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizulta li :

- meta l-appellant ghal aktar minn darba ma thallasx il-paga dovuta u pprotesta ma l-intimat dan qallu li mhux behsiebu johrog aktar flus u rreferih ghand siehbu li qallu li hu m’ghandux x’jaqsam u rreferih lura ghand l-intimat ;
- bhala rizultat ta’ l-insistenza tieghu ghall-paga rcieva l-formola ta’ temm ta’ l-impieg bir-raguni tinghata bhala nuqqas ta’ xoghol ;
- fil-formola tat-temm ta’ impieg hemm ammissjoni mill-intimat li l-appellant ma nghatax “notice” u hlas ta’ dan “----due to insufficient funds for payment ----“ kif ukoll (ghalkemm zgassata) nota li l-paga u l-bonus ma thallsux minhabba nuqqas ta’ fondi u l-appellant ma riedx jahdem minghajr ma jithallas ;
- fil-fatt ma kienx hemm nuqqas ta’ xoghol ghaliex l-intimat dak iz-zmien zamm fl-impieg haddiema fl-istess grad ta’ l-appellant li gew ingaggati warajh kif ukoll mpiega ohrajn fl-istess natura ta’ xoghol

It-Tribunal jirrimarka li l-intimat wera disprezz lejn it-Tribunal billi diversi drabi ma deherx minghajr ma ta raguni valida kif ukoll disprezz lejn il-Qorti meta naqas li jidher minghajr gustifikazzjoni f’kawza biex ihallas ammonti dovuti lill-appellant. Minkejja sentenza tal-Qorti fit-2 ta’ Novembru 2010 biex ihallas tlett elef hames mija u hamsa u erbghin ewro u disgha u hamsin centezmu (E 3545.59) baqa ma hallashomx.

It-Tribunal jiddikjara li ebda principal ma jista jippretendi li haddiem jatih xogholu minghajr ma jithallas u ebda haddiem mhu obbligat li jibqa jati xoghlu jekk ma jithallasx tieghu.

Fil-kaz ta’ l-appellant in-nuqqas ta’ hlas kien aktar serju meta dan ghandu erbat itfal li tnejn minnhom disabled u li jkollu jsieferhom ghal operazzjoni bl-ispejjes kollha li dan jinvolvi.

It-Tribunal isib li ma kien hemm ebda gustifikazzjoni ghat-tkeccija ta’ l-appellant anzi kien hemm nuqqasijiet serji mill-intimat.

Jiddikjara li ma kienx hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta’ l-impieg ta’ l-appellant u jordna li l-intimat ghandu jhallsu kumpens ta’ hamest elef ewro (€5,000) fi zmien sitt gimghat mid-data ta’ din id-decizjoni.

Minhabba differimenti mill-partijiet, u partikolarment in-nuqqas ta' l-intimat li diversi drabi ma jidhirx ghal seduti, kif ukoll nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit fil-ligi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' € 94 (erbgha u disghajn ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Iffirmat : George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Segretarja.